"ikun max-xriek ma' tul is-sena? U dak il-bieb għala dejjem "imsakkar, nistaqsih jekk naf li xnaf."

Sejjaħ lil Beditt minnufih u malli ffaċċa fil-bieb qallu: "Għidli ħaġa dak il-bieb għal-liema kamra jati?"

—"Hemm ma hemmx kamra, sur baruni, żmien ilu, mis-"sierek, Alla jaħfirlu, kien egħnelli jtalla' kamra oħra fuq "il-ġardina u qbadna nħottu l-ħajt ta' wara l-għorfa, imma "il-ħsieba ma seħħitx, jien għalaqt il-fetħa li saret fil-ħajt "bdik il-bieba biex ma jiġġarrafx xi tifel.

—Sewwa għamilt Beditt: dak kull ma ridt naf, mur għal xogħlok, ħa nieħu għamża.

—Jista' jkun, qal is-sur Viċenz mita l-ieħor ħareġ, jista' jkun ukoll li qalli hekk biex jeħles minni, ħalli nara b'għajnejja. Qam daqsxejn imfantas u resaq lejn il-bieba, iżda u la sab muftieħ l-anqas maqbad, iżda ma riedx jarġa' jsejjaħ lill-bidwi biex ibexxaqlu ftit il-bieba. Qabad jitħamħam u mbotta bil-herra il-bieba u heżheż il panew; waqa' ftit ċaċċis u tfarfret qabda ġir. Demmu tala' għal rasu, u bejn it-twissija ta' Doru, bejn is-sħana ta' Ġunju, u l-inbid ta' maskri, tfawwar bħal ma kien jiġrilu ta' sikwit u ra il-kamra ddur bih. Tbiegħed ftit mill-bieba u b'daqqa ta' spalla ta' raġel godli li kien, xteħet b'saħtu kollha fuqha . . .

Xogħol ta' ħabta u sabta; il-bieba, ruħ ommha fi sniena, niexfa u mmermra bix-xemx li rat fuqha għal bosta snin, saret laqx u s-sur Viċenz inqata' minn riġlejh u baqa' ħiereġ il-barra mal-laqx u mal-ġir, ixejjer idejh u jgħum fil-beraħ . . .

Qamet għagħa li ma bħalha, tiġieġ, papri, wiżż, jittajru u jqaqu, Zimina tinbaħ donnha rat il-waħx, it-tfal jixru u jwerżqu, il-ħmara tinħaq imwerwra. Beditt niżel bħal seqer biex jara x'ġara u b'għageb kbir jilmaħ lill-baruni mħawwel sa għonqu fil-għarma tiben tar-rqiq miġbura taħt it-tieqa. F'kemm ili ngħid wasal fuqu u għinu jinqala' miksi minn fuq s'isfel bit-tiben li weħel miegħu f'kull tinja ta' ħwejġu. Daħħlu ġewwa, farfru kif sata' u newwillu ftit ilma biex jaħsel wiċċu u idejh u mbagħad staqsieh kif sab ruħu f'dik it-tbixkila u jekk sarit-lux xi ħsara.



—Is-sur Viċenz kien ġie f'sessih u ma għamilx ħlief jidħak u jiżżuffjetta. "Xejn Beditt," qallu, "ridt nara x'għandu jsir "biex tinbena l-għorfa li semma' li ried italla' missieri; ma "waġġajtx għax it-tiben artab daqs ir-rix. Għid lil Zolli "tagħmilli qatra kafè."

Wara din il-ġrajja li għaddiet bħal ħlieqa, Beditt sar ħaġa waħda mal-baruni. Il-għorfa ta' fuk il-ġardina nbniet qabel waslet ix-xitwa u l-baruni għammarha biex imur igħaddi il-ħarifa u biċċa mis-sajf għand ix-xriek tiegħu li maż-żmien sar xbinu għax għammidlu lil Ċensinu, għamillu l-griżma lil Majru u xhud tat-tieġ ta' Bronka, mita ħadet lil Ġanni, il-ġar tagħhom. Il-par imsielet u ċ-ċappetti li qalgħet il-għarusa minn għand il-baruni għadhom jissemmew sal-lum f'dak ir-raħal. Hekk id-deni li xtaq jiżra' Doru safa ġid lil Beditt u s-sur Viċenz ħareġ ta' raġel.

T. Z.

29-5-33

# BLA MAGĦRUF

*(Oriġinal ta' Ernest Rauscher: miġjub fil-Malti mill-Ingliż ta' W. Blathwayt).*

Oh ħajja msejkna! oh taħbit fieragħ!
xortija donnha ngħix bla magħruf:
l-aħjar ta' qalbi, l-isbaħ ta' ħsiebi
nikteb . . . u nħossu kollu mitluf.
Naħdem u nqatta' żmieni fix-xejn,
il-għanja tiegħi ma jduqha ħadd,
u l-vrus li naħdem b'ħeġġa w b'ħeġġejn
ħarsa oħra fuqhom ma tinżel qatt.

*
* *

Fil-waqt li tkellem hekk il-poeta,
bla ma ħolomha, f'art barranija,
imteddet xbejba taħt il-balluta
fil-versi tiegħu kollha mehdija:
għażiż għaliha kien dak il-ktieb
miżmum u mħares taħt il-moftieħ:
"Min hekk", hi ħasbet, "jikteb u jgħanni,
x'ħena, Mulejja, għandu jhennih"!

7-8 33

DUN KARM.